**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 29/2016**

**Illum: 8 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Janis Caruana**
**(ID 577785(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Janis Caruana ta' 30 sena, imwieled Pieta`, nhar it-22 ta' Novembru 1985, iben Alexander u Mary Zammit nee` D'Amato, residenti 7, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 577785(M);

Akkuzat talli fit-12 ta' Frar 2016, fi Triq it-Torri, Sliema u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bhala persuna kkundannata u bhala prigunier iehor harab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, dik ta' PS 778 u PC 127 u dan ai termini tal-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe` mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. mid-digriet datat 15 ta' April 2015 u li permezz tieghu, huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor;

5. Kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza datata 6 ta' Novembru 2015 mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

6. Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija nhar is-16 ta' April 2015, ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2016, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' April 2016, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi la darba l-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fir-rigward tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u anke fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, hlief ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ser jinghad izjed 'il quddiem.

Illi ghal fini ta' piena fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[1] jirrizulta illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi u mit-trab ta' lewn abjad fid-dokument 024_16_03 li huwa nghata ghall-analizi tieghu, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' <u>11.42 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 26%. Fuq *swab*

[1] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 71 *et seq* tal-process.

mehuda mill-mizien ma nstabitx droga. Skond ix-xhieda tal-istess espert[2], il-purita` tat-trab ghall-kokaina kienet wahda normali ossia *street purity*. Il-Qorti tqis illi l-piz tat-trab in kwistjoni certament ma kienx wiehed zghir jew negligibbli, ghalkemm lanqas ma huwa xi ammont straordinajru.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, li hija wahda refrattarja u tikkonsisti f'ben sittax-il faccata u li mill-istess fedina penali jirrizulta illi l-istess imputat instab hati u gie kkundannat ghal diversi reati fosthom pussess semplici ta' droga (f'zewg okkazzjonijiet), traffikar ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet) u kokaina, serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet) u hsara volontarja (f'zewg okkazzjonijiet), reati bi ksur tal-Artikoli 95 (f'zewg okkazzjonijiet) u 96 tal-Kap. 9, attentat ta' serq aggravat, diversi reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (fi tliet okkazzjonijiet) u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta (f'zewg okkazzjonijiet) u ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Qieset ukoll illi mill-istess fedina penali jirrizulta wkoll illi dwar dawn ir-reati, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata fi tliet okkazzjonijiet, sentenza ta' prigunerija sospiza tliet darbiet, tnejn minnhom b'supervizjoni u sentenza ta' prigunerija effettiva f'erba' okkazzjonijiet (wahda minnhom flimkien ma' programm ta' rijabilitazzjoni), apparti diversi pieni pekunjarji. Jidher ghalhekk illi minkejja li huwa nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu, l-imputat ma gharafx jaghmel uzu minn dawn l-opportunitajiet u xorta wahda baqa' jxellef diffrejh mal-gustizzja, primarjament ghaliex jidher illi huwa ghandu l-vizzju tad-droga u ghadu ma gharafx li jkun ta' gid ghalih illi jiehu l-ghajnuna sabiex jeghleb dan il-vizzju. Ghalkemm il-Qorti dejjem lesta li toffri l-ghajnuna fejn din tkun mehtiega u anke izjed minn darba, biss ma tistax thares b'impunita` lejn min, minkejja d-diversi tentattivi li jsiru mieghu, jibqa' jghaddas rasu u jkompli miexi fit-triq tal-kriminalita`.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, is-sottomissjonijiet tal-partijiet u dan fis-sens illi l-imputat ikkopera mal-pulizja waqt l-investigazzjoni taghha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi ghalkemm certament ma jistax jinghad illi kien hemm xi kooperazzjoni da parti tal-imputat waqt l-istqarrija rilaxxjata minnu, stante li ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda hlief wahda – ghalkemm naturalment kellu kull dritt li jaghmel dan – biss ghalkemm f'mument harab ukoll mill-kustodja tal-pulizija, jirrizulta mill-provi mressqa illi effettivament wara li minn jeddu telaq mill-Isptar Mater Dei fejn kien jinsab taht osservazzjoni fit-12 ta' Frar 2016 ghall-habta tad-9.00 p.m. u minghajr ma gie rilaxxjat mit-tobba, nhar it-13 ta' Frar 2016 ghall-habta tan-12.30 a.m., minn jeddu wkoll ipprezenta ruhu gewwa l-Ghassa tas-

[2] A fol. 68 *et seq* tal-process.

Sliema.[3] Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' PS 778 David Sant[4], illi hlief ghal mument fejn harab mill-kustodja tal-pulizija, l-imputat ikkopera mal-ufficjali nvoluti kemm qabel, kif ukoll wara dan l-incident. Jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta tal-1 ta' April 2016, illi l-imputat skuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija dwar dan l-incident ghall-komportament tieghu.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ma kinitx wahda mill-izjed bikrija, biss jirrizulta anke mill-atti illi l-kontestazzjoni tieghu kienet fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik tal-pussess semplici tad-droga eroina u li anke jekk dan ma jirrizultax specifikatament mill-atti, sa mill-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, id-difiza ddikjarat illi l-imputat kien bi hsiebu jirregola ruhu wara li l-espert forensiku jiddetermina l-kontenut tas-sustanzi misjuba fil-pussess tal-imputat u dan proprju ghaliex huwa kien qieghed jikkontesta l-pussess tad-droga eroina li fil-fatt ma rrizultatx. Sussegwentement fl-udjenza mizmuma quddiem din il-Qorti, wara li xehed l-istess espert u wara li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda anke tqis dan il-fattur fl-ghoti tal-piena.

Biss minkejja li l-Qorti qed tqis il-fatturi kollha indikati mill-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom dwar il-piena, tqis ukoll, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq u anke fil-paragrafu li jmiss, illi piena ta' sena prigunerija effettiva m'hijiex wahda idonea.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni ossia dik li permezz taghha, l-imputat gie akkuzat talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud tas-6 ta' Novembru 2015 (a fol. 83 tal-process), mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat odjern. Biss f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat instab hati *inter alia* tal-reat ravvizat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9, liema reat jikkontempla l-ingurja, t-theddid u l-offiza fuq il-persuna, f'dan il-kaz Dr. Godfrey Baldacchino. Mill-istess sentenza, din il-Qorti m'ghandha l-ebda hjiel dwar liema minn dawn ir-reati gew kommessi mill-imputat fir-rigward tal-persuna nkarigata minn servizz pubbliku u ghaldaqstant, jidhrilha illi f'dawn ic-cirkostanzi, ma tistax titratta mieghu dwar dan ir-reat li tieghu kien instab hati permezz tal-istess sentenza. Ghaldaqstant, ser titratta mal-imputat biss fir-rigward tar-reat

[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley, a fol. 35 tal-process.
[4] A fol. 39 *et seq* tal-process.

kontravvenzjonali li tieghu kien instab hati wkoll permezz tal-imsemmija sentenza (l-ewwel imputazzjoni f'dak il-kaz) u f'dan ir-rigward qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'dan ukoll illi l-Qorti qed tqis illi l-imputat ikkommetta r-reati mertu tal-kaz odjern waqt dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

In oltre, fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-imputat gie addebitat bir-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 (apparti l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9) u ghalkemm huwa rregistra ammissjoni fir-rigward tal-istess, ir-reati odjerni ma jinvolvu l-ebda reat taht is-sub-titolu I tat-Titolu IX tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, huwa evidenti li l-addebitu ai termini tal-Artikolu 289 ma jirrizultax fil-kaz odjern.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Stante illi ma jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-flus li nstabu fil-pussess tal-imputat u li gew esebiti kienu gejjin mill-bejgh tad-droga jew kienu konnessi mal-ewwel reat li tieghu qed jinstab hati, u stante wkoll illi lanqas ma jirrizulta mill-atti illi l-*mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat u li gew esebiti kienu nvoluti fl-istess reat, il-Qorti qeghda tordna r-rilaxx taghhom favur l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (d), 49, 50, 151, 338(dd) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (b'dan illi kif inghad izjed il'fuq m'hijiex issib lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9) u qed tikkundannah ghal **piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li qieghed hawn jinstab hati taghhom – u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu

jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna **l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsin Euro (€5,750)**, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u hamsin Euro (€750), depozitu impost ghall-helsien mill-arrest tal-hati permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif preseduta, tal-15 ta' April 2015 u in kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), bhala garanzija personali imposta permezz tal-istess digriet u in oltre **tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest** moghti lill-hati mill-istess Qorti fil-15 ta' April 2015 kif inghad u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-**hlas tal-ispejjez tal-esperti** mahtura f'dawn il-proceduri ossia **s-somma ta' mija, tmienja u tmenin Euro u tmenin centezmu (€188.80)**, rapprezentanti spejjez konnessi mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mitejn, tnejn u erbghin Euro u ghaxar centezmi (€242.10) esebita bhala Dokument JR1 u t-tliet *mobile phones*, *sim cards* u cappetta esebiti bhala Dokument JR2, favur il-hati, fil-waqt illi tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument JR u l-bqija tal-esebiti formanti parti minn Dokument JR2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti qeghda tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarji sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Tornda li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat